# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF ROBERT G MANGION**
**ONOR. IMHALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors numru 44/2017/1 JRM**

**Emanuel Hayman u martu Monica Hayman**

**v.**

**L-Avukat Generali llum Avukat tal-Istat u b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2017 gew kjamati fil-kawza f'dawn il-proceduri Mary Caruana u zewgha Alfred, Emanuela Psaila u zewgha Andrew Psaila li konsegwentement ghad-digriet tat-2 ta' Novembru 2004 il-gudizzju ghadda in sostituzzjoni tad-decedut Andrew Psaila fuq il-persuni ta' uliedu Jason, Alyce li tigi mart Darren Vella u Tyrone ilkoll ahwa Psaila, ukoll William Hayman u martu Josephine, Josephine Ciantar u Alfred Ciantar, Doris Montebello u Angela Montebello u zewgha Paul**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti Emanuel Hayman et tad-19 ta' Novembru 2019 mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 31 ta'

Ottubru 2019, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' it-talbiet taghhom u tichad l-eccezzjonijiet sollevati fir-risposti tal-intimati;

2. Rat ir-risposta tal-appell ta' Doris Hayman, illum Montebello, tat-13 ta' Novembru 2017 permezz ta' liema ssottomettiet illi dan l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti;

3. Rat ir-risposta tal-appell tal-Avukat tal-Istat tal-4 ta' Dicembru 2019 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell tar-rikorrenti Hayman, bl-ispejjez tal-appell jithallsu ghal darbtejn minnhom skont l-Artikolu 223(4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

4. Rat ir-risposta tal-appell tal-bqija tal-intimati tal-12 ta' Dicembru 2019 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell tal-konjugi Hayman u tikkundanna l-appellanti jhallsu l-ispejjez tal-appellati ghal darbtejn ai termini tal-Artikolu 223(4) tal- Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

5. Rat l-atti kollha tal-kawza;

6. Rat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tal-31 ta' Ottubru 2019.

**Ikkunsidrat**;

7. L-appellanti jilmentaw illi l-Ewwel Qorti ma dahlitx fil-punti varji illi huma resqu fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fejn elenkaw ir-ragunijiet ghalfejn ihossu illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell kisret id-drittijiet fundamentali taghhom. Huma jargumentaw illi l-ementi li kienu saru fl-Artikolu 218 kienu intizi sabiex is-sentenza tkun ferm aktar mimlija motivazzjoni u ghalhekk il-gurisprudenza li kienet marbuta u ispirata minn kif kienet miktuba l-ligi qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi m'ghandhiex tibqa' tigi applikata bhal ma kienet qabel l-emendi tal-1995.

8. Huma jargumentaw illi l-motivazzjoni f'sentenza ghandha tkun wahda sufficjenti u razzjonali, li ma tistax tkun inkongruwa, inadegwata jew illogika. L-appellanti jilmentaw illi huma ressqu ferm aktar punti legali milli gew konsiderati u diversi punti li ma gewx trattati, u li mhux minnu li hemm bzonn prova tal-inosservanza tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Buon Ordni peress illi din l-inosservanza tohrog direttament mill-atti ezistenti quddiem l-Ewwel Qorti.

9. L-Avukat tal-Istat irribatta illi fis-sentenza taghha tat-30 ta' Jannar 2017 il-Qorti tal-Appell esprimiet b'mod car ir-ragunijiet taghha l-ghala hija

ma kinitx qed taqbel mat-talba ghar-ritrattazzjoni maghmula mill-appellanti. Huwa jargumenta illi anke jekk jista' jkun li s-sentenza setghet kienet itwal jew aktar studjata, dak li qieset u mmotivat il-Qorti tal-Appell jissodisfa dak il-minimu mehtieg biex jinghad illi l-appellanti nghataw spjegazzjoni tajba ghaliex ir-rikors taghhom kien qieghed jigi michud u ghaldaqstant il-motivazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ma tistax titqies illi hija vvizzjata. Dan anke ghaliex, skont l-Avukat tal-Istat, huwa manifest illi l-Qorti tal-Appell indirizzat kull wahda mit-tlett kwistjonijiet li l-appellanti jghidu li thallew barra minnha. Huwa jissottometti illi dan l-appell huwa ghal kollox fieragh u vessatorju u ghaldaqstant l-appellanti ghandhom jigu kkundannati jhallsu spejjez ghal darbtejn skont l-Artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. L-intimati l-ohrajn (hlief ghal Doris Montebello) argumentaw illi l-appell odjern huwa minghajr bazi fattwali u minghajr fundament guridiku ghaliex minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Jannar 2017 huwa car illi din is-sentenza kienet adegwatament motivata. Huma jissottomettu illi l-appellanti qeghdin jipprovaw juzaw dawn il-proceduri sabiex din il-Qorti taghmilha ta' qorti tar-raba' grad u li ghalhekk dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji u l-appellanti ghandhom konsegwentement jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez ghal darbtejn.

11. Doris Hayman argumentat illi ghandu jirrizulta illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Jannar 2017 bl-ebda mod ma tikser id-dritt ta' smigh xieraq tal-appellanti u illi dan l-appell huwa frivolu u vessatorju u mezz sabiex l-appellanti joholqu xi forma ta' appell iehor wara d-diversi proceduri li ntavolaw kontra l-intimati. Fil-fehma taghha ghalhekk dan l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti.

12. L-Ewwel Qorti ikkonsidrat hekk:

> "Illi ghal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-kaz taht ezami, jidher li l-ilment tar-rikorrenti huwa li l-Qorti tal Appell fis-sentenza taghha tat-30 ta' Jannar, 2017, naqset li tipprovdi motivazzjoni ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom. Ir-rikorrenti jixlu lill Qorti tal-Appell li naqset li tikkonsidra l-punti legali mqajma quddiemha, kif ukoll il-mod kif dawn gew meqjusa. Fil-qosor, l-argumenti tar-rikorrenti li l Qorti naqset li tikkonsidra huma tlieta: jigifieri, fl-ewwel lok, jekk l-istitut ta' ritrattazzjoni ghandux ikun miftuh ghal kawzali godda, ladarba fis-sistema proceduralí Malti ma hemmx il-procedura tal-kassazzjoni; fit-tieni lok, jekk irRegoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni ghandhomx jitqiesu bhala parti mil-ligi; u fit-tielet lok, jekk dawn id-disposizzjonijiet gewx imharsa waqt il-proceduri;
>
> "Illi huwa accettat li din il-Qorti, fis-setghat partikolari kostituzzjonali taghha, m'hijiex mizmuma milli taqta' u tiddeciedi, meta jkun il kaz, jekk xi qorti ohra tkunx kisret xi jedd fundamentali ta' persuna kemm b'xi pronuncjament taghha, kemm b'xi mgiba partikolari waqt is-smigh, kemm b'xi ksur tar-regoli essenzjali tal-procediment li jkun inzamm quddiemha, u kif ukoll dwar xi nuqqas kostitutiv taghha li b'xi mod jikser il-jedd ta' smigh xieraq. Naturalment, stharrig bhal dan ma jibdilx lil din il-Qorti f'qorti li twettaq is setghat proprji tal-qorti li tkun mistharrga, liema setghat huma merfugha mil-ligi ghal dik il-qorti partikolari;
>
> "Illi fuq dan il-punt, l-awturi jghidu "The right to a fair hearing, which is one such Convention right, has, as its wording generally suggests, been interpreted as providing only a procedural, not a substantive, guarantee. Accordingly, the Court will intervene in respect to 'errors of fact or law' by a national court only insofar as they bear upon compliance with the procedural guarantees in Article 6: it does not intervene under Article 6 because they affect the 'fairness' of the national court decision on its merits";

"Illi huwa f'dawn it-termini li sejra tqis l-ilment tar-rikorrenti. Ghalhekk, din il-Qorti mhijiex sejra taghmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qorti tal-Appell, ghaliex dan mhuwiex ix-xoghol li trid taghmel biex tistharreg lilment ta' ksur tal-jedd fundamentali msemmi minnhom. Il-kaz imressaq mir rikorrenti jrid jitqies biss fil-parametri ta' ksur tad-dritt ghal smigh xieraq kif sejjer jinghad aktar 'il quddiem;

"Illi, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-ilment tar-rikorrent jidher li huma jibnu l-azzjoni taghhom fuq id-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Safejn huwa rilevanti ghall-kaz tal-lum, l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni jipprovdi li "Id-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi";

"Illi l-jedd ghal smigh imparzjali jew smigh xieraq jezigi fost ohrajn, li sentenza moghtija minn qorti tkun motivata. Fi kliem l-istess awturi,  r ragunijiet wara tali obbligu huma tlieta: "The requirement of a 'fair' hearing also supposes that a court will give reasons for its judgment…. Whereas national courts are allowed considerable discretion as to the structure and content of their judgments, they must 'indicate with sufficient clarity the grounds on which they base their decision' so as to allow a litigant usefully to exercise any available right to appeal. Further justifications for the need for a reasoned judgment are the interest of a litigant in knowing that his or her arguments have been property examined, and the interest of the public in a democratic society in knowing the reasons for judicial decisions given in its name";

"Illi dan l-obbligu jissarraf billi, fost ohrajn, l-argumenti principali tal-partijiet jigu mistharrga. Inghad ukoll li "The detail into which the statement of the reason must go is, therefore, determined by what an effective remedy against the decision requires in each particular case";

"Illi applikati dawn il-principji ghal kaz li ghandha quddiemha, il-Qorti jirrizultalha li t-talbiet tar-rikorrenti m'humiex misthoqqa. Minn qari tas sentenza li r-rikorrenti jilmentaw minnha, il-Qorti ssib li t-tliet argumenti ewlenin tar-rikorrenti gew mistharrga, b'mod xieraq u sistematiku, bl-ghoti ta' ragunijiet ghaliex u safejn dik il-Qorti qablet jew ma qablitx mar-ritrattandi. Ghal kull argument, il-Qorti resqet l-osservazzjonijiet taghha u inghataw ukoll ragunijiet cari u logici ghaliex ma kinetx ser tilqaghhom;

"Illi min-naha l-ohra, il-fatt li l-argumenti tar-rikorrenti ma gewx milqugha, ma jfissirx li b'daqshekk twettaq ksur tal-jeddijiet taghhom ghal smigh xieraq;"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

13. Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' liema gie respint l-ilment tal-appellanti illi huma sofrew lezjoni tad-dritt kostituzzjonali/konvenzjonali taghhom ghal smigh xieraq peress illi, skont huma, s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Jannar 2017 ma kinitx sufficjentement motivata. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Jannar 2017 inghatat fil-kuntest ta' proceduri ta' ritrattazzjoni tas-sentenza li nghatat fil-kawza bin-numru ta' referenza 1665/1999/1 permezz ta' liema l-appellanti kienu qed jimpunjaw il-validita ta' testment maghmul minn omm l-appellant Maria Carmela Hayman fl-24 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino billi, skont huma, l-kunsens tat-testatrici kien ivvizzjat.

14. Illi, ghalkemm l-Artikolu 6 ma jindikax espressament illi s-sentenzi tal-qrati ghandhom ikunu motivati, dan ir-rekwizit gie meqjus bhala implicitu fil-garanzija ta' smigh xieraq.[1] F'dan ir-rigward gie spjegat illi:

> "Reasoned decisions also serve the purpose of demonstrating to the parties that they have been heard, thereby contributing to a more willing acceptance of the decision on their part. In addition,

[1] Ara per ezempju: **Luka v. Romania** (QEDB, 21/07/2009): "La Cour relève que l'article 6 implique que les décisions des cours et des tribunaux doivent indiquer de manière suffisante les motifs sur lesquels elles se fondent, de manière à montrer que les parties ont été entendues et à garantir la possibilité d'un contrôle public de l'administration de la justice (Hirvisaari c. Finlande, no 49684/99, § 30, 27 septembre 2001). Autrement dit, l'article 6 implique à la charge du « tribunal » l'obligation de se livrer à un examen effectif des moyens, arguments et offres de preuve des parties, sauf à en apprécier la pertinence et sans qu'il puisse se comprendre comme exigeant une réponse détaillé à chaque argument (Van de Hurk c. Pays-Bas, précité, p. 19-20, §§ 59 et 61)."

> they oblige judges to base their reasoning on objective arguments, and also preserve the rights of the defence."[2]

15. Illi, pero`, ghalkemm l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jobbliga lill-qrati tal-Istati membri sabiex jimmotivaw id-decizjonijiet taghhom, dan l-obbligu ma jfissirx illi l-qrati ghandhom jaghtu twegiba dettaljata ghal kull argument maghmul mill-partijiet.[3] Skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, dak li ghandu dejjem jigi espressament indirizzat mill-qrati fis-sentenzi taghhom huma l-argumenti principali tal-partijiet.[4] Kif jinghad mill-awturi Jacobs, White and Ovey:

> "If a court gives some reasons, then prima facie the requirements of Article 6 in this respect are satisfied, and this presumption is not upset simply because the judgement does not deal specifically with one point considered by the applicant to be material."[5]

16. Illi b'mod partikolari ghal sentenzi tal-appell, ghalkemm huwa in principju accettabbli illi dawn is-sentenzi jikkonfermaw bla ma jidhlu f'wisq dettall is-sentenza appellata, il-qorti tal-appell ghandha xorta tkun trattat l-argumenti illi l-appellant ikun ressaq quddiemha fir-rikors tal-appell

---

[2] **Taxquet v. Belgium** (QEDB, 16/11/2010)
[3] Ara per ezempju: **Hiro Balani v. Spain** (QEDB, 09/12/1994); **Jahnke and Lenoble v. France** (QEDB, 29/08/2000); **Perez v. France** (QEDB, 12/02/2004).
[4] Ara per ezempju: **Donadze v. Georgia** (QEDB, 07/03/2006): "Eu régard aux considérations qui précèdent, la Cour estime que les conclusions contenues dans les décisions judiciaires rendues en l'espèce ne témoignent pas que les juridictions internes procédèrent à un examen approfondi et sérieux des moyens du requérant, qu'elles basèrent leur raisonnement, comme elles le firent d'ailleurs pour la partie adverse, sur les éléments de preuve présentés par l'intéressé et qu'elles motivèrent valablement le rejet de ses contestations. **Or, même si les tribunaux ne sauraient être tenus d'exposer les motifs de rejet de chaque argument d'une partie** (J. et R. Kaufman c. Belgique, décision de la Commission du 9 décembre 1986, Décisions et rapports 50, p. 98 ; Ruiz Torija c. Espagne, arrêt du 9 décembre 1994, série A no 303-A, § 29), **ils ne sont tout de même pas dispensés d'examiner dûment et de répondre aux principaux moyens que soulève celle-ci.**" [enfazi ta' din il-Qorti.]
[5] B. Rainey, E. Wicks u C. Ovey, The European Convention on Human Rights (OUP, 7th ed, 2017) 294.

tieghu.[6] Illi madanakollu l-grad ta' motivazzjoni tas-sentenza u kemm dan huwa accettabli ai termini tal-artikolu 6 dejjem jiddependi mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-argumenti li jkunu ressqu l-partijiet.[7] B'mod generali pero`, in-nuqqas ta' xi qorti tal-appell illi titratta aggravju mressaq mill-appellant illi huwa relevanti u jista' jincidi fuq l-ezitu tal-appell iwassal ghal sejbien ta' lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq,[8] u dan peress illi b'kagun ta' tali nuqqas ikun impossibli li jigi determinat jekk il-qorti tal-appell tkunx irrespingiet dan l-aggravju jew tkunx sempliciment naqset milli tiehu konjizzjoni tieghu.[9]

17. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi fl-appell odjern ma jidher li tressqu l-ebda aggravji partikolari mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Il-Qorti fil-fatt tinnota illi r-rikors tal-appell tal-appellanti m'huwa xejn aktar hlief ripetizzjoni verbatim tan-nota ta' sottomissjonijiet illi kienu pprezentaw quddiem l-Ewwel Qorti. Ghalhekk m'huwiex car fuq liema bazi l-appellanti jhossu illi l-Ewwel Qorti zbaljat fil-konsiderazzjonijiet taghha, hlief illi ma jaqblux mal-konkluzjoni taghha b'mod generali ghaliex kieku naturalment ma kinux jintavolaw dan l-appell.

---

[6] **Helle v. Finland** (QEDB, 19/12/1997); **Garcia Ruiz v. Spain** (QEDB, 21/01/1999); **Tatishvili v. Russia** (QEDB, 22/02/2007); **Segame SA v. France** (QEDB, 07/06/2012).
[7] Ara per ezempju: **Ruiz Torija v. Spain** (QEDB, 09/12/1994) u **Hiro Balani v. Spain** (QEDB, 09/12/1994).
[8] B. Rainey, E. Wicks u C. Ovey, vide supra fn. 6.
[9] **Luka v. Romania** (QEDB, 21/07/2009).

18. Il-Qorti rat illi r-rikorrenti kienu talbu lill-Qorti tal-Appell sabiex thassar is-sentenza appellata a bazi tas-segwenti aggravji: illi s-sentenza applikat il-ligi hazin u/jew fiha disposizzjonijiet kontra xulxin li jidher mill-atti tal-kawza jew mid-dokumenti tal-kawza. Meta giet biex titratta l-aggravji tal-appellanti l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tat-30 ta' Jannar 2017, irriportat l-osservazzjonijiet principali mressqa mill-partijiet u trattathom wiehed wiehed. Ghal kull aggravju l-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ghall-argument principali tal-appellanti u sussegwentement spjegat b'mod car u koerenti r-raguni ghalfejn, fl-opinjoni taghha, l-aggravju tal-appellanti kien infondat.

19. Illi inoltre anke fejn l-argument tal-appellanti ma kienx car, tant illi l-Qorti tal-Appell hasset illi kellha tesprimi li "l-argument tal-atturi huwa x'aktarx konfuz, u mimli b'irrelevanzi u b'asserzjonijiet li non sequuntur hekk li difficli tislet linja koerenti ta' hsieb minnu" jidher illi l-Qorti tal-Appell xorta wahda rat kif titratta l-aggravju tal-appellanti, almenu fuq dak li setghet tifhem, u tat ragunijiet cari ghalfejn ma kinitx qed tilqa' l-aggravju. Jekk imbaghad kien hemm xi punt illi l-Qorti tal-Appell ma fehmitx sew minhabba nuqqasijiet fir-redazzjoni tal-appell attribwibbli lill-appellanti, dan ma jistax issa jintuza minnhom bhala skuza illi l-Qorti tal-Appell naqset milli titratta xi argument imressaq minnhom ghaliex imputet sibi.

20. Il-Qorti rat illi fis-sentenza appellata tal-31 ta' Ottubru 2019 l-Ewwel Qorti qieset sew il-principji applikabbli fil-kuntest tad-dritt ghal sentenza motivata u ghamlet applikazzjoni korretta taghhom fl-isfond tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz illi kellha quddiemha. Il-Qorti tqis illi, fid-dawl ta' dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, is-sentenza appellata hija manifestament korretta u gusta u m'hemm l-ebda raguni ghalfejn ghandha tigi revokata.

21. Fir-rigward tat-talba tal-appellati illi l-appellanti jigu kkundannati sabiex ihallsu l-ispejjez ghal darbtejn, a tenur tal-Artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis illi din it-talba hija pjenament gustifikata. Mhux biss l-appell odjern huwa manifestament frivolu u vessatorju, izda aghar minn hekk m'huwa xejn aktar hlief ripetizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet li l-appellanti prezentaw quddiem l-Ewwel Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan kollu jirrendi l-appell tal-appellanti mhux biss frivolu u vessatorju izda sahansitra abbuz lampanti tal-proceduri kostituzzjonali u huwa ghalhekk illi l-appellanti ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez ghal darbtejn.

**Decide**

22. Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell ta' Emanuel Hayman u martu Monica Hayman billi tichad l-appell tar-rikorrenti u tikkonferma s-

sentenza appellata fl-intier taghha, u billi dan l-appell huwa wiehed frivolu u vessatorju tordna li l-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti ghal darbtejn a tenur tal-Artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Robert G Mangion<br>Imhallef | Grazio Mercieca<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr